Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/560

15.2.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/560

**tat-8 ta’ Diċembru 2023**

**li tagħti deroga lir-Renju ta’ Spanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Gżejjer Kanarji**

*(notifikata bid-dokument C(2023) 8638)*

**(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 64 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA U KAMP TA’ APPLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI

(1) Fit-23 ta’ Novembru 2020, ir-Renju ta’ Spanja (“Spanja”) ressaq talba lill-Kummissjoni għal deroga (l-“Applikazzjoni”) għat-territorji mhux peniżolari tal-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Baleariċi, Ceuta u Melilla (b’mod konġunt, “TMP”) f’konformità mal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 u mal-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

(2) L-Applikazzjoni inizjalment talbet derogi mill-Artikolu 8 u mill-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u mill-Artikoli 3, 6, 7(1), 8(1) u (4), 9, 10 u 11, mill-Artikoli 14 sa 17, mill-Artikoli 19 sa 27 u mill-Artikoli 35 sa 47 tar-Regolament (UE) 2019/943. Dik l-Applikazzjoni ma speċifikatx id-durata tad-deroga mitluba.

(3) Fit-18 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni ppubblikat l-Applikazzjoni fuq is-sit web tagħha u stiednet lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jipprovdu kummenti sat-30 ta’ April 2021.

(4) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand Spanja dwar it-talba għal deroga fis-17 ta’ Awwissu 2021 u fis-16 ta’ Diċembru 2021. Spanja wieġbet fl-4 ta’ Ottubru 2021 u fis-17 ta’ Jannar 2022. Fl-aħħar sottomissjoni, Spanja mmodifikat il-kamp ta’ applikazzjoni tat-talba tagħha għal deroga kif ġej:

— it-talba għal deroga mill-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/944 ġiet irtirata għat-TMP kollha;

— it-talba għal deroga mill-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 ġiet irtirata għall-Gżejjer Baleariċi u għal Ceuta;

— Spanja inkludiet talba ġdida għal deroga mill-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944 għat-TMP kollha;

— it-talba għal deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (d), (f), (g), (h), (i), (l), (m) u (q) tar-Regolament (UE) 2019/943 ġiet irtirata għat-TMP kollha;

([1]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.
([2]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125.

— Spanja rtirat ukoll it-talba għal deroga għat-TMP kollha mill-Artikolu 16(1) u (2), mill-Artikolu 20(1) u (2), mill-Artikolu 21(1) sa (6), mill-Artikolu 22(1), ħlief għall-punti (f) u (h), mill-Artikolu 22(4), u mill-Artikoli 35 sa 47 tar-Regolament (UE) 2019/943;

— Spanja stabbiliet durata limitata għad-deroga mitluba għall-Gżejjer Baleariċi u għal Ceuta sal-integrazzjoni totali ta' dawn it-territorji mal-art kontinentali (mhux mistenni qabel l-2030).

(5) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tkopri biss il-Gżejjer Kanarji. It-talbiet għal deroga sottomessa minn Spanja li tikkonċerna t-TMP ta' Ceuta, Melilla u l-Gżejjer Baleariċi jenħtieġ li jiġu indirizzati f'Deċiżjonijiet separati tal-Kummissjoni dwar id-derogi.

## 2. IL-GŻEJJER KANARJI

*Is-sistema tal-elettriku u s-suq tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji*

(6) Il-Gżejjer Kanarji jikkostitwixxu wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi rikonoxxuti skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u għalhekk jaqgħu f'dik il-kategorija għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 u tal-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

(7) Skont Spanja, it-territorju mhux peniżolari tal-Gżejjer Kanarji jkopri sitt sistemi tal-elettriku iżolati: Tenerife, Gran Canaria, La Palma, La Gomera, El Hierro u s-sistema ta' Lanzarote-Fuerteventura, li tgħaqqad il-gżejjer ta' Lanzarote u ta' Fuerteventura permezz ta' żewġ kejbils ta' 132 kV.

(8) Skont Spanja, fl-2019, aktar minn 75 % tal-kapaċità tal-elettriku installata tal-Gżejjer Kanarji kienet koperta minn unitajiet tal-enerġija termali tradizzjonali (faħam, gass, diżil). Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli żdied b'mod kostanti mill-2018, speċjalment fil-gżejjer il-kbar (Gran Canaria u Tenerife), fejn jirrappreżenta sehem sinifikanti tal-kapaċità installata. Madankollu, Spanja tinnota li l-użu tal-enerġija rinnovabbli f'territorji mhux peniżolari huwa aktar baxx milli fl-art kontinentali ta' Spanja minħabba d-daqs żgħir tat-territorju u d-diffikultajiet marbuta mal-ksib tal-permessi ambjentali meħtieġa għal kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni, il-ħtieġa akbar għal ġenerazzjoni li jista' jsir id-dispaċċ tagħha biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista ([3]) u l-kapaċità limitata tal-ħżin.

(9) Spanja tinnota li l-Gżejjer Kanarji huma kkaratterizzati mid-daqs żgħir tas-suq tagħhom, li jżommhom milli jgawdu l-benefiċċji tal-ekonomiji ta' skala preżenti fis-sistema tal-elettriku tal-art kontinentali u li jiffaċċjaw kostijiet ogħla tal-fjuwil. L-iżolament storiku tagħhom jirriżulta wkoll fi ħtieġa akbar għal kapaċità ta' riżerva installata.

(10) Spanja tinnota wkoll li kważi l-ġenerazzjoni termali kollha fil-Gżejjer Kanarji hija direttament jew indirettament proprjetà ta' Endesa S.A. B'hekk, anke jekk l-introduzzjoni dejjem tiżdied ta' sorsi rinnovabbli qed tiffaċilita d-dħul fis-suq ta' impriżi kompetituri, Endesa S.A. xorta se tipproduċi l-biċċa l-kbira tal-elettriku f'dan it-territorju mhux peniżolari.

(11) Skont Spanja, dawk l-ispeċifiċitajiet tas-suq jinvolvu kostijiet ogħla tal-produzzjoni tal-elettriku meta mqabbla mal-art kontinentali u nuqqas ta' attraenza għal impriżi ġodda biex jidħlu fis-suq, u b'hekk l-ebda kompetizzjoni effettiva ma żviluppat fil-Gżejjer Kanarji.

(12) Fid-dawl tal-problemi marbuta man-nuqqas ta' kompetizzjoni u l-kostijiet għoljin u minkejja l-miżuri adottati sabiex jippromwovu l-kompetizzjoni u jintroduċu inċentivi ekonomiċi sabiex jinkoraġġixxu l-effiċjenza operattiva tal-installazzjonijiet u jnaqqsu l-kostijiet tal-ġenerazzjoni, Spanja ssostni li ma kienx possibbli li jiġi stabbilit mekkaniżmu tas-suq li jkun identiku għal dak li kien hemm fl-art kontinentali.

([3]) Spanja tispjega li r-rata ta' kopertura minħabba r-riżervi ċirkolanti għal sistemi mhux peniżolari hija bejn 40 u 70 % meta mqabbla ma' 10 % meħtieġa fis-sistema tal-art kontinentali.

(13) Spanja tispjega wkoll li l-elettriku ġġenerat fit-TMP kollha, inklużi l-Gżejjer Kanarji, huwa eskluż mis-sistema tal-offerti fis-suq tal-art kontinentali. Is-sistemi tal-elettriku tat-TMP jużaw mekkaniżmu ta' preċedenza ekonomika għad-dispaċċ ([4]):

— l-operatur tas-sistema jikklassifika l-impjanti tal-ġenerazzjoni f'ordni ta' mertu ekonomiku abbażi ta' kostijiet varjabbli sakemm tiġi koperta d-domanda, filwaqt li jitqiesu d-diffikultajiet tekniċi u r-riżervi meħtieġa biex tiġi ggarantita l-provvista tal-elettriku;

— in-naħa tad-domanda (konsumaturi diretti u fornituri) tinnotifika lill-operatur tas-sistema dwar id-domanda fis-siegħa fis-sistemi tal-elettriku ta' kull TMP;

— wara d-dispaċċ ta' kuljum, in-naħa tad-domanda tixtri l-enerġija bi prezz ekwivalenti għal dak tas-sistema tal-offerti fuq l-art kontinentali.

(14) Skont Spanja, dan il-mekkaniżmu jqis il-kostijiet għoljin tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-ispeċifiċitajiet tat-TMP u għandu l-għan li jiżgura li l-konsumaturi u l-fornituri f'dawk it-territorji ma jkunux esposti għall-kost ogħla tal-produzzjoni tal-elettriku fit-TMP meta mqabbel ma' Spanja kontinentali, u dan huwa bbażat fuq prinċipji ta' solidarjetà interreġjonali.

(15) Spanja tispjega wkoll li l-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-TMP tikkostitwixxi sistema ta' remunerazzjoni regolata minflok sistema ta' remunerazzjoni tas-suq u tiġi applikata f'kundizzjonijiet fejn suq bl-ingrossa ma setax jiffunzjona u fejn il-kostijiet, għal raġunijiet ġeografiċi u territorjali, huma ogħla mill-kostijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fi Spanja kontinentali.

(16) Spanja tinnota li l-mekkaniżmu jiżgura li s-sistema tal-elettriku u l-baġit pubbliku jkopru l-kost żejjed li jirriżulta mid-differenza bejn il-kostijiet ogħla tal-ġenerazzjoni fit-TMP u l-prezz tal-elettriku ekwivalenti għal dak fl-art kontinentali, sabiex il-konsumaturi kollha jħallsu l-istess għall-elettriku, irrispettivament mis-sistema li jikkunsmawh fiha.

(17) Skont Spanja, ir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku fit-TMP hija simili għal dik fi Spanja kontinentali.

(18) Fir-rigward tas-suq bl-imnut, Spanja tispjega li l-klijenti finali fit-TMP għandhom id-dritt li jagħżlu l-fornitur tagħhom bl-istess termini bħall-klijenti finali fi Spanja kontinentali. Bl-istess mod, il-kunċett ta' konsumaturi vulnerabbli huwa definit għal Spanja kollha u, b'mod ġenerali, il-provvista hija organizzata b'mod uniformi fil-pajjiż kollu. F'dan ir-rigward, Spanja tinnota li ma hemm l-ebda differenza bejn is-swieq tal-bejgħ bl-imnut kontinentali u mhux kontinentali.

*Ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali għat-TMP*

(19) Spanja tispjega li l-Liġi 24/2013 tistabbilixxi li l-provvista tal-elettriku fit-TMP hija soġġetta għal regolament speċifiku. Hija tistabbilixxi wkoll li din l-attività tista' tirċievi remunerazzjoni addizzjonali biex tkopri d-differenza bejn il-kostijiet biex jiġi ġġenerat l-elettriku fit-TMP u d-dħul mill-bejgħ tal-elettriku f'dawn it-territorji.

(20) Spanja tinnota li l-Liġi 17/2013 tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-garanzija tal-provvista u għaż-żieda fil-kompetizzjoni fis-sistemi tal-elettriku fit-TMP ([5]). B'mod partikolari, l-Artikolu 5 tal-Liġi 17/2013 jipprevedi li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata li jinsabu fit-TMP u li l-finijiet prinċipali tagħhom huma li jiggarantixxu l-provvista, jiżguraw is-sigurtà tas-sistema u jintegraw sorsi ta' enerġija rinnovabbli li ma jistax isir dispaċċ tagħhom, għandhom ikunu proprjetà tal-operatur tas-sistema.

(21) Spanja tindika li d-Digriet Irjali 738/2015 jirregola fid-dettall l-attività tal-produzzjoni tal-elettriku u l-proċedura tad-dispaċċ fis-sistemi tal-elettriku fit-TMP kif ukoll l-iskema tar-remunerazzjoni ta' din l-attività. L-iskema tar-remunerazzjoni hija bbażata fuq żewġ komponenti tar-remunerazzjoni: wieħed għall-investiment li sar u għal kostijiet fissi oħra, u l-ieħor għall-kostijiet varjabbli mġarrba matul l-operazzjoni. L-objettiv ta' din ir-remunerazzjoni huwa li tkopri l-kostijiet żejda tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-TMP. Id-Digriet Irjali 738/2015 jiddefinixxi l-kost żejjed bħala d-differenza bejn il-kostijiet kollha tal-ġenerazzjoni u l-prezz imħallas fid-dispaċċ tal-elettriku ġestit mill-operatur tas-sistema.

([4]) Il-qafas huwa stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 tal-31 ta' Lulju 2015 (Real Decreto 738/2015, de 31 de julio, por el que se regula la actividad de producción de energía eléctrica y el procedimiento de despacho en los sistemas eléctricos de los territorios no peninsulares) (id-"Digriet Irjali 738/2015").

([5]) Ley 17/2013, de 29 de octubre, para la garantía del suministro e incremento de la competencia en los sistemas eléctricos insulares y extrapeninsulares.

(22) Barra minn hekk, id-Digriet Irjali 738/2015 jintroduċi proċedura kompetittiva għall-għażla ta' kapaċità ġodda u ta' kapaċità li għandha tiġi rinnovata.

(23) Il-Kummissjoni tinnota, f'dan ir-rigward, li l-mekkaniżmu tar-remunerazzjoni stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 irċieva approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha SA.42270 "Spanja – Il-produzzjoni tal-elettriku fit-territorji mhux peniżolari Spanjoli" [6].

## 3. ID-DEROGI MITLUBA LI JIKKONĊERNAW IL-GŻEJJER KANARJI

(24) It-talba għal deroga sottomessa għall-Gżejjer Kanarji hija bbażata fuq l-istatus tagħhom bħala reġjun ultraperiferiku f'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE.

### 3.1. Deroga skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944

(25) Spanja titlob deroga mill-Artikolu 40(4) sa (7) u mill-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 fir-rigward tal-akkwist ta' servizzi anċillari mill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni ("OST") u l-projbizzjoni fuq operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni milli jippossjedu, jiżviluppaw, jiġġestixxu jew iħaddmu faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

### 3.2. Deroga skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943

(26) Spanja titlob deroga għall-Gżejjer Kanarji mid-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (UE) 2019/943:

- il-prinċipji tas-suq fl-Artikolu 3(1), il-punti (a), (b), (c), (e), (j), (k), (n), (o) u (p);
- ir-regoli dwar in-negozjar tal-elettriku skont l-Artikolu 6, l-Artikoli 7(1), 8(1) u 8(4), l-Artikoli 9, 10, 11, 14, 15, 16 u 17;
- ir-regoli dwar l-introjtu mill-konġestjoni stabbiliti fl-Artikolu 19;
- l-Artikoli 14, 15, l-Artikolu 16(3) sa 16(13), l-Artikoli 17, 19, l-Artikoli 20(3) sa 20(8), 21(7) u 21(8), 22(1), il-punti (f) u (h), 22(2), 22(3) u 22(5), u 25(2) sa 25(4) għal kwalunkwe mekkaniżmu ġdid ta' kapaċità ta' appoġġ li jista' jiġi stabbilit fil-futur;
- l-Artikoli 14 sa 17, 19 sa 27, 35 sa 47 għall-mekkaniżmu eżistenti definit fid-Digriet Irjali 738/2015.

### 3.3. Durata tad-derogi mitluba

(27) Spanja tqis li l-integrazzjoni tat-TMP fis-suq tal-elettriku Iberiku tiddependi mill-eżistenza ta' interkonnessjoni mal-art kontinentali Spanjola. Spanja tinnota li minħabba d-distanza ġeografika tal-Gżejjer Kanarji mill-art kontinentali, il-bini ta' interkonnetturi mal-art kontinentali jkun impossibbli jew għali wisq. Għalhekk, Spanja tqis li d-derogi għall-Gżejjer Kanarji jenħtieġ li ma jkunu soġġetti għall-ebda limitu ta' żmien.

## 4. KUMMENTI LI WASLU TUL IL-PERJODU TA' KONSULTAZZJONI

(28) Kif deskritt fil-premessa 3, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika matul Marzu u April 2021.

(29) Il-kummenti kollha sottomessi bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika kienu jikkonċernaw id-deroga mitluba minn Spanja mill-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 dwar is-sjieda, il-ġestjoni u t-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ħżin mill-OST.

[6] Id-Deċiżjoni tat-28 ta' Mejju 2020, SA.42270 (2016/NN) – Spanja – Il-produzzjoni tal-elettriku fit-territorji mhux peniżolari Spanjoli, C(2020) 3401 final.

(30) Ir-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika kienu kontra l-għoti ta' tali deroga, peress li din tkun tilleġittimizza proġett li skontu r-Red Eléctrica de España S.A.U. ("REE"), l-OST Spanjol, tħalla jiżviluppa l-Proġett ta' Chira-Soria fil-Gżejjer Kanarji mingħajr proċedura tas-sejħa għall-offerti ("il-Proġett ta' Chira-Soria") ([7]), kif meħtieġ skont l-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944. Ir-rispondenti nnotaw li l-fatt li d-deroga tkopri wkoll it-TMP l-oħra mhuwiex rilevanti minħabba li l-orografija tal-Gżejjer Baleariċi u d-daqs żgħir ta' Ceuta u ta' Melilla ma jippermettux il-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata f'dawk it-territorji ([8]).

(31) Ir-rispondenti indikaw li s-sempliċi insularità mhijiex ġustifikazzjoni suffiċjenti biex issir deroga mir-rekwiżit tas-sejħa għall-offerti stabbilit fl-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944, peress li l-partijiet privati jingħad li wrew interess fil-Proġett ta' Chira-Soria. Huma sostnew li dan l-interess ma ġiex ikkunsidrat fid-dawl tal-Liġi 17/2013.

(32) Ir-rispondenti enfasizzaw ukoll li l-awtorità regolatorja Spanjola, il-Comisión Nacional de Mercados y Competencia (CNMC) u l-Kunsill tal-Istat Spanjol esprimew tħassib dwar id-Digriet Irjali 738/2015 u r-rwol tal-REE fis-sjieda ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata filwaqt li, fl-istess ħin, hija l-entità li fuqha, l-ewwel nett, jiddependi l-proċess amministrattiv tal-awtorizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata.

(33) Ir-rispondenti qajmu wkoll argumenti ta' natura ekonomika. Huma enfasizzaw li fil-Gżejjer Kanarji dan it-tip ta' ħżin huwa affettwat mid-disponibbiltà baxxa ta' ilma maħżun, u b'hekk jeħtieġ id-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar. Dan jinvolvi kostijiet għoljin tal-enerġija u jnaqqas sostanzjalment l-effiċjenza tal-Proġett ta' Chira-Soria. F'dan ir-rigward, ir-rispondenti rreferew għall-impjant tal-enerġija idroelettrika ppumpjata bir-riħ ta' Gorona del Viento fil-Gżira ta' El Hierro li l-effiċjenza tiegħu hija ta' 43 %, ferm inqas mil-livelli ta' effiċjenza ta' 70 % sa 80 % ta' impjanti tal-enerġija simili fl-art kontinentali.

(34) Ir-rispondenti sostnew li l-istima tal-baġit għall-Proġett ta' Chira-Soria rduppjat saħansitra qabel il-bidu tal-kostruzzjoni tiegħu u rreferew għal studji li jissuġġerixxu li soluzzjonijiet oħra (eż. interkonnessjonijiet, ħżin distribwit, ħżin elettrokimiku, idroġenu) ikunu aktar ekonomikament effiċjenti. Huma rreferew ukoll għall-piż finanzjarju għall-konsumaturi relatat mal-kost għoli tal-investiment. Huma enfasizzaw il-kostijiet għoljin ħafna tal-produzzjoni tal-unika faċilità simili fil-Gżejjer Kanarji, jiġifieri ta' Gorona del Viento. Fid-dawl tal-post inqas favorevoli fejn jinsab il-Proġett ta' Chira-Soria, skont ir-rispondenti l-kostijiet għal kull MWh jistgħu jilħqu livell għoli rekord, bir-riżultat li jiġu ddevjati flus minn investimenti f'forom oħra ta' flessibbiltà, inkluża l-flessibbiltà pprovduta mill-unitajiet domestiċi u mill-OST.

(35) Ir-rispondenti nnotaw ukoll li, minbarra li mhuwiex ekonomikament iġġustifikat, il-Proġett ta' Chira-Soria ma jikkontribwix għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Huma rreferew għal "esperti kkonsultati" li skonthom l-enerġija maħżuna se toriġina prinċipalment minn enerġija mill-fjuwils fossili prodotta minn faċilitajiet termali qodma eżistenti li ma jistgħux jintfew billejl. Huma nnotaw li teknoloġiji ġodda tal-ħżin (batteriji u idroġenu) u l-iżvilupp ta' vetturi elettriċi kieku jneħħu l-ħtieġa li jsir il-Proġett ta' Chira-Soria u jikkostitwixxu mezzi aktar effiċjenti, trasparenti u rapidi għall-ekoloġizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

(36) Fl-aħħar nett, ir-rispondenti nnotaw li l-Proġett ta' Chira-Soria jqajjem tħassib ambjentali u soċjali. Huma sostnew li l-kostruzzjoni taffettwa ħames siti ta' Natura 2000 u għadha ma saritx valutazzjoni tal-impatt ambjentali tagħha.

([7]) Il-Proġett ta' Chira-Soria jikkonċerna l-bini ta' faċilità tal-ħżin tal-enerġija (impjant tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata) ta' kapaċità installata ta' 200 MW u kapaċità tal-ħżin tal-enerġija ta' 3,5 GWh fil-gżira ta' Gran Canaria. Għal aktar informazzjoni dwar il-proġett, ara: Central hidroeléctrica de bombeo reversible Salto de Chira | Red Eléctrica (ree.es).

([8]) Il-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata jikkwalifika bħala faċilità tal-ħżin skont id-Direttiva (UE) 2019/944.

## 5. VALUTAZZJONI TAT-TALBA GĦAL DEROGA LI TIKKONĊERNA L-GŻEJJER KANARJI

### 5.1. Reġjun ultraperiferiku li ma jistax jiġi interkonness mas-suq tal-elettriku tal-Unjoni

(37) Skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943, tista' tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 3 u 6, tal-Artikolu 7(1), tal-Artikolu 8(1) u (4), tal-Artikoli 9 sa 11, tal-Artikoli 14 sa 17, tal-Artikoli 19 sa 27, tal-Artikoli 35 sa 47 u tal-Artikolu 51 ta' dak ir-Regolament f'żewġ każijiet:

(a) għal sistemi iżolati żgħar u għal sistemi konnessi żgħar, jekk l-Istat(i) Membru/i jista'/jistgħu juri/juru li hemm problemi sostanzjali għat-tħaddim ta' dawk is-sistemi. F'każ bħal dan, id-deroga għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni u l-integrazzjoni mas-suq intern tal-elettriku;

(b) għar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE, jekk ma jistgħux jiġu interkonnessi fis-suq tal-Unjoni tal-enerġija għal raġunijiet fiżiċi evidenti.

(38) F'konformità mal-Artikolu 66(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2019/944, tista' tingħata deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 7 u 8 u tal-Kapitoli IV, V u VI għal sistemi iżolati żgħar u għal sistemi konnessi żgħar, jekk l-Istat(i) Membru/i jista'/jistgħu juri/juru li hemm problemi sostanzjali għat-tħaddim ta' dawk is-sistemi. L-Artikolu 66(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2019/944 jistabbilixxi li għar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE li ma jistgħux jiġu interkonnessi mas-swieq tal-elettriku tal-Unjoni, id-deroga għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li d-deroga ma tfixkilx it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli.

(39) Kemm skont ir-Regolament (UE) 2019/943 kif ukoll skont id-Direttiva (UE) 2019/944, fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi, id-deroga ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien.

(40) Il-Gżejjer Kanarji jikkostitwixxu wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi rikonoxxuti skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u għalhekk jaqgħu f'dik il-kategorija għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 u tal-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

(41) Bħalissa ma hemm l-ebda pjan biex is-sistemi tal-elettriku ta' Spanja kontinentali jiġu konnessi mas-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji. Spanja tispjega li, minħabba d-distanza, ma hemm l-ebda possibbiltà li l-Gżejjer Kanarji jiġu integrati b'kost raġonevoli, kif ukoll li l-integrazzjoni tal-gżejjer għandha limitazzjonijiet serji minħabba t-topografija tagħhom, peress li huma gżejjer vulkaniċi b'qiegħ il-baħar imħarbat ħafna.

(42) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-Gżejjer Kanarji jissodisfaw il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 u fl-Artikolu 66(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944, jiġifieri li ma jistgħux jiġu interkonnessi mas-suq tal-enerġija tal-Unjoni għal raġunijiet fiżiċi evidenti.

(43) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 66(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944, Spanja mhijiex obbligata turi li hemm problemi sostanzjali għat-tħaddim tas-sistemi tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji. Id-deroga jenħtieġ li tingħata għal durata bla limitu.

### 5.2. Kamp ta' applikazzjoni tad-deroga

#### 5.2.1. *L-Artikoli 54 u 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944*

(44) L-Artikolu 54(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jipprojbixxi lill-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni milli jippossjedu, jiżviluppaw, jiġġestixxu jew iħaddmu faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

(45) L-Artikolu 54(2) ta’ dik id-Direttiva jipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jidderogaw minn din ir-regola meta l-faċilitajiet ikunu komponenti tan-network integrati bis-sħiħ u l-awtorità regolatorja tkun tat l-approvazzjoni tagħha jew meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-punti (a) sa (c) ta’ dak il-paragrafu.

(46) Kif iddikjarat fil-premessa (38) ta’ hawn fuq, skont l-Artikolu 66(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva (UE) 2019/944 l-Istati Membri jistgħu jitolbu deroga mir-regoli fil-Kapitolu VI (inkluż l-Artikolu 54) għar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE li ma jistgħux jiġu interkonnessi mas-swieq tal-elettriku tal-Unjoni, soġġett għal kundizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li d-deroga ma tfixkilx it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli.

(47) Għalhekk, minbarra li tapplika l-possibbiltà ta’ deroga fl-Artikolu 54(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944, Spanja tista’ titlob deroga lill-Kummissjoni mill-Artikolu 54 tad-Direttiva, fir-rigward tal-Gżejjer Kanarji, b’referenza għall-Artikolu 66.

#### 5.2.1.1. L-Applikazzjoni

(48) Kif deskritt fil-premessa 20, l-Artikolu 5 tal-Liġi 17/2013 jipprevedi li l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata li jinsabu fit-TMP u li l-finijiet prinċipali tagħhom huma li jiggarantixxu l-provvista, jiżguraw is-sigurtà tas-sistema u jintegraw sorsi ta’ enerġija rinnovabbli li ma jistax isir dispaċċ tagħhom, għandhom ikunu proprjetà tal-operatur tas-sistema.

(49) Fl-Applikazzjoni, Spanja tindika l-isfidi marbuta mal-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-Gżejjer Kanarji. Spanja tispjega li l-impjanti kollha tal-enerġija rinnovabbli fi gżira waħda jipproduċu l-elettriku taħt l-istess kundizzjonijiet meteoroloġiċi, għall-kuntrarju ta’ dak li huwa l-każ fi Spanja kontinentali. B’hekk, permezz tal-użu ta’ aktar ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji, il-konformità mal-istandards tas-sigurtà tal-provvista kulma jmur qed issir aktar diffiċli. Dan jista’ jillimita l-użu ta’ sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-tul.

(50) Skont Spanja, is-sjieda ta’ faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata mill-OST fil-każijiet speċifiċi inklużi fil-Liġi 17/2013 ma twaqqafx lill-investituri privati milli jkollhom tali faċilitajiet, sitwazzjoni li tkun tikkontribwixxi wkoll għall-garanzija tas-sigurtà tal-provvista. Il-faċilitajiet kollha tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, irrispettivament mis-sjieda, iridu jipparteċipaw fid-dispaċċ tal-elettriku, għalkemm il-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata li huma proprjetà tal-OST għandhom jiġu integrati bħala servizz anċillari biex jiġu żgurati l-provvista u s-sigurtà għal kull sistema.

(51) Għalhekk, Spanja titlob id-deroga mill-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 għall-Gżejjer Kanarji f’konformità mal-Artikolu 66 tad-Direttiva.

(52) B’mod speċifiku, it-talba għal deroga kif sottomessa minn Spanja tapplika għall-Proġett ta’ Chira-Soria li għaddej bħalissa, u għal kwalunkwe faċilità futura tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata li tkun proprjetà tal-operatur tas-sistema fejn dan ikun iġġustifikat bħala l-aħjar alternattiva f’konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

#### 5.2.1.2. Valutazzjoni

(53) Kif iddikjarat fil-premessa 45, il-Kummissjoni tinnota li l-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 diġà jinkludi, fil-paragrafu 2 tiegħu, possibbiltà għall-Istati Membri li jidderogaw mir-regola fil-paragrafu 1 ta’ dak l-Artikolu, jiġifieri li l-operaturi tas-sistemi tat-trażmissjoni ma għandhomx jippossjedu, jiżviluppaw, jiġġestixxu jew iħaddmu faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija.

(54) Fid-dawl tal-possibbiltà stabbilita fl-Artikolu 54(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 54(1) skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva, għat-tipi kollha ta’ teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija, mhijiex iġġustifikata.

(55) Madankollu, meta jitqies l-istatus tagħhom bħala reġjun ultraperiferiku u l-orografija tal-Gżejjer Kanarji, b’għażliet limitati għall-konnessjoni bejn il-gżejjer differenti, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 54(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva limitata għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata hija ġustifikata.

(56) Il-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata jippermettu żieda fis-sigurtà tal-provvista u l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi jipprovdu sors ta' flessibbiltà rinnovabbli lis-sistema tal-elettriku, jgħinu biex tiġi bbilanċjata l-provvista eċċessiva u jiġi evitat it-tnaqqis. Hija meqjusa bħala t-teknoloġija ewlenija għal integrazzjoni ottimali ta' sorsi rinnovabbli intermittenti (eż. mir-riħ u mix-xemx). ([9]) Madankollu, il-produttività tal-enerġija idroelettrika tirrifletti l-klimatoloġija, it-topografija u r-riżorsi tal-ilma ta' kull reġjun u l-faċilitajiet huma speċifiċi għall-post.

(57) Il-Kummissjoni tqis li s-sjieda tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata mill-OST tista' tiġi ġġustifikata f'każijiet speċifiċi ħafna, bħal fil-Gżejjer Kanarji, fejn dawk il-faċilitajiet huma meħtieġa biex jiggarantixxu s-sigurtà tal-provvista u l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u fejn is-sistemi tal-elettriku għandhom għażliet limitati għal flessibbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(58) Barra minn hekk, minħabba l-kundizzjonijiet attwali tas-suq tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji (ara t-taqsima 2), jidher li l-investimenti kummerċjali fil-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata ma jistgħux jiġu ffaċilitati minnufih, minkejja l-ħtieġa urġenti għal faċilitajiet li jipprovdu flessibbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dan minħabba l-fatt li l-proġetti tal-enerġija idroelettrika għandhom skedi ta' żmien ta' qabel l-iżvilupp, tal-kostruzzjoni u operazzjonali itwal minn teknoloġiji oħra u riskji ta' investiment ogħla, li jista' jirrikjedi strumenti u inċentivi ta' politika speċifiċi kif ukoll perspettiva u viżjoni ta' politika aktar fit-tul. L-urġenza ta' tali proġetti, fid-dawl tal-adozzjoni ppjanata tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-futur qrib ([10]) u tal-isfidi tat-tħaddim tas-sistema li l-Gżejjer Kanarji jidhru li qed jiffaċċjaw ([11]) tant hi importanti li l-Kummissjoni tqis li fil-każ ta' dan ir-reġjun ultraperiferiku, Spanja ma għandhiex tkun meħtieġa tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 54(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944.

(59) Deroga mill-Artikolu 54(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 skont l-Artikolu 66 tad-Direttiva limitata għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata jenħtieġ li ma tipprevjenix l-iżvilupp ibbażat fuq is-suq fil-Gżejjer Kanarji ta' proġetti tal-ħżin ibbażati fuq dan it-tip jew fuq tip ieħor ta' teknoloġiji. Meta jitqiesu l-impenji ta' Spanja fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tat-TMP bħall-Gżejjer Kanarji, filwaqt li qed tiżdied il-ġenerazzjoni għal sorsi rinnovabbli, minbarra l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, x'aktarx li se jkunu meħtieġa faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija bbażati fuq teknoloġiji oħra biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista.

(60) Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-obbligu tal-OST li jippossjedu u li jħaddmu faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija f'territorji mhux peniżolari stabbilit fil-Liġi 17/2013 jidher li huwa bbażat fuq kriterji li huma differenti minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944. Din id-Deċiżjoni sempliċiment tivvaluta jekk ir-rekwiżiti għal deroga skont l-Artikolu 66(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944 humiex issodisfati u ma tippreġudikax il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-kompatibbiltà tal-Liġi 17/2013 mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/944.

### 5.2.2. *L-Artikolu 40(4) sa (7) tar-Regolament (UE) 2019/944*

(61) Skont Spanja, in-nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva fil-qasam tal-ġenerazzjoni jipprevjeni l-istabbiliment ta' swieq tal-elettriku mingħajr distorsjoni fit-TMP. B'mod partikolari, dan jipprevjeni lill-operatur tas-sistema tat-trażmissjoni milli jistabbilixxi u jopera suq tal-ibbilanċjar fil-Gżejjer Kanarji, inkluż l-akkwist ta' servizzi anċillari mhux tal-frekwenza bbażati fuq is-suq.

(62) Minħabba n-nuqqas fil-Gżejjer Kanarji ta' suq tal-ibbilanċjar u ta' akkwist ta' servizzi anċillari mhux tal-frekwenza ibbażat fuq is-suq, il-Kummissjoni tqis li d-derogi mill-obbligi fl-Artikolu 40(4) sa (7) tad-Direttiva (UE) 2019/944 f'konformità mal-Artikolu 66 tad-Direttiva huma iġġustifikati.

---

([9]) Hydropower and pumped hydropower storage in the European Union: Status report on technology development, trends, value chains and markets [L-enerġija idroelettrika u l-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata fl-Unjoni Ewropea: Rapport dwar l-istatus tal-iżvilupp tat-teknoloġija, ix-xejriet, il-ktajjen tal-valur u s-swieq], JRC 2022: https://setis.ec.europa.eu/document/download/82e6a3ad-74f1-4f6d-b2be-006df2de2007_en

([10]) Ara pereżempju l-miżuri deskritti fl-Abbozz ta' Aġġornament tal-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima (2023-2030) ippreżentat minn Spanja dwar il-Gżejjer Kanarji, bl-għan li tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni sal-2040 (il-paġna 144): https://commission.europa.eu/publications/spain-draft-updated-necp-2021-2030_en. Ara wkoll Ley 6/2022, de 27 de diciembre, de cambio cliático y transición energética de Canarias.

([11]) Antonio Morales exige al Ministerio acciones urgentes para acabar con la inseguridad y el riesgo de apagón general en Gran Canaria - Cabildo de Gran Canaria - Portales Web Cabildo GC.

### 5.2.3. *Il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/943: Regoli ġenerali għas-suq tal-elettriku – l-Artikoli 3 u 6, l-Artikoli 7(1), 8(1) u (4), l-Artikoli 9, 10 u 11*

#### 5.2.3.1. L-Applikazzjoni

(63) Skont Spanja, in-nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva bejn il-ġeneraturi jipprevjeni l-istabbiliment ta' swieq tal-elettriku mhux regolati. Id-deċiżjonijiet dwar id-dispaċċ fit-TMP, inklużi l-Gżejjer Kanarji, huma bbażati fuq kriterji tekniċi u ekonomiċi li għalihom mhux dejjem ikun possibbli li jiġu applikati r-regoli tas-suq. Barra minn hekk, Spanja tispjega li l-formazzjoni tal-prezzijiet fit-TMP mhijiex ibbażata fuq l-offerta u d-domanda f'dawk it-territorji, iżda fuq dik ta' Spanja kontinentali, biex jiġi evitat li l-konsumaturi fit-TMP iħallsu l-kostijiet żejda tal-produzzjoni tal-elettriku f'dawk it-territorji.

(64) Abbażi ta' dawk il-fatti fil-premessa preċedenti, Spanja titlob deroga mid-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2019/943:

— il-punti (a), (b), (o), (p), peress li skont Spanja l-prezzijiet fis-swieq inkwistjoni ma jistgħux jiġu ffurmati liberament abbażi tal-offerta u d-domanda, u ma hemm l-ebda suq forward li jopera f'dawn it-territorji;

— il-punt (c), peress li Spanja tqis li r-regoli tas-suq li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni u ta' domanda flessibbli jistgħu ma jkunux applikabbli fit-territorji;

— il-punti (e) u (k), peress li skont Spanja l-ġeneraturi mhumiex responsabbli għall-bejgħ tal-elettriku li jipproduċu (minflok huwa l-kompitu tal-operatur tas-sistema li jiddeċiedi liema impjanti tal-enerġija jenħtieġ li jiġu dispaċċati) u ma jistgħux jissottomettu offerti aggregati;

— il-punt (j), peress li Spanja tqis li l-istrateġija tal-ħżin f'dawn it-territorji tista' tirrikjedi li l-ħżin tal-enerġija jkollu prijorità u ma jkunx fuq l-istess livell ma' faċilitajiet oħra tal-ġenerazzjoni;

— il-punt (n), li għalih Spanja tinnota li fil-prinċipju d-dħul u l-ħruġ tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jistgħu jkunu bbażati fuq il-valutazzjoni tal-impriżi tal-vijabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-operazzjonijiet tagħhom, iżda li f'termini prattiċi l-kumpaniji tal-ġenerazzjoni ma jistgħux jipparteċipaw fis-sistema mingħajr ma jingħataw reġim ta' pagament regolat li bih jistgħu jiġu koperti l-kostijiet tal-ġenerazzjoni.

(65) Fir-rigward tal-Artikolu 6, l-Artikoli 7(1), 8(1) u (4), u l-Artikoli 9, 10 u 11, Spanja tenfasizza li għalkemm is-sistema tal-elettriku fit-TMP hija rregolata minn sistema tad-dispaċċ li topera b'mod simili għas-swieq tal-elettriku tal-Unjoni, pereżempju b'dispaċċi ta' kuljum u tal-istess ġurnata, din tikkostitwixxi sistema regolata. Il-prezz tax-xiri huwa bbażat fuq il-prezz tal-art kontinentali u mhux fuq il-kostijiet rikonoxxuti mġarrba mill-ġeneraturi fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, inklużi s-servizzi tal-ibbilanċjar. Abbażi ta' dan, Spanja titlob deroga mill-Artikolu 6, mill-Artikoli 7(1), 8(1) u (4), u mill-Artikoli 9, 10 u 11 tar-Regolament (UE) 2019/943, peress li ma hemm l-ebda suq tal-ibbilanċjar fit-territorji mhux peniżolari, inklużi l-Gżejjer Kanarji, u lanqas ma hemm il-possibbiltà ta' integrazzjoni mas-swieq tal-Unjoni ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata minħabba l-iżolament tagħhom.

(66) Fir-rigward tal-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2019/943, Spanja tinnota li minħabba n-natura iżolata tat-TMP, id-dispaċċi jitħaddmu indipendentement mis-swieq kontinentali u tal-Unjoni — apparti li l-prezz ta' referenza għax-xiri tal-enerġija jkun ibbażat fuq il-prezz kontinentali — filwaqt li d-dispaċċi jkunu bbażati fuq skedi fis-siegħa.

(67) Bl-istess mod, f'konformità ma' dan ta' hawn fuq, l-integrazzjoni tas-swieq forward, il-limiti tekniċi tal-offerti u l-valur tat-tagħbija mitlufa msemmija fl-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament (UE) 2019/943 huma kkunsidrati minn Spanja bħala li ma japplikawx għad-dispaċċi fit-TMP.

#### 5.2.3.2. Valutazzjoni

(68) Fir-rigward tat-talba għal deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2019/943, il-Kummissjoni tqis li:

— peress li l-prezzijiet tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji mhumiex iffurmati skont approċċ ibbażat fuq is-suq iżda permezz ta' mekkaniżmu regolat speċjali li bih l-operatur tas-sistema jwettaq id-dispaċċ tal-ġenerazzjoni għal kull waħda mis-sistemi tal-elettriku iżolati, hija ġġustifikata deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (a), (b), (e) u (k) tar-Regolament (UE) 2019/943;

— peress li ma hemm l-ebda suq forward fil-Gżejjer Kanarji u d-dispaċċ tal-operatur tas-sistema jinvolvi tbassir ta' kull ġimgħa, ta' kuljum u tal-istess ġurnata kif ukoll devjazzjonijiet f'ħin reali, hija ġġustifikata wkoll deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (o) u (p), tar-Regolament (UE) 2019/943;

— filwaqt li jiġi rikonoxxut li s-sistema regolata attwali u l-karatteristiċi partikolari tal-Gżejjer Kanarji jistgħu jagħmluha aktar diffiċli li jsehh l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni aktar flessibbli, ġenerazzjoni b'livell baxx ta' karbonju u domanda aktar flessibbli, l-applikazzjoni tar-regoli tas-suq għadha meħtieġa biex tinċentiva l-iżvilupp tagħhom sa fejn ikun possibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata;

— l-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2019/943 ma jipprevjenix li tingħata prijorità lill-proġetti tal-ħżin tal-enerġija fil-Gżejjer Kanarji, jekk pereżempju dawk il-proġetti jitqiesu bħala l-aħjar għażla biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista fil-Gżejjer Kanarji. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata;

— fir-rigward tal-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punt (n), tar-Regolament (UE) 2019/943, id-dħul jew il-ħruġ ta' impriża fis-suq għall-ġenerazzjoni tal-elettriku jenħtieġ li jiddependi fuq il-valutazzjoni tal-vijabbiltà ekonomika u finanzjarja ta' dik l-impriża, filwaqt li titqies il-possibbiltà li tirċievi r-remunerazzjoni regolata msemmija fil-premessi (15) u (16). Għalhekk, deroga mill-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punt (n), tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata għall-Gżejjer Kanarji.

(69) Fir-rigward tad-deroga mitluba mill-Artikolu 6, mill-Artikoli 7(1) u 8(1) u (4), mill-Artikoli 9, 10, 11 tar-Regolament (UE) 2019/943, dawk id-dispożizzjonijiet jirreferu għar-rekwiżiti rigward is-swieq forward ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar. Abbażi tal-informazzjoni sottomessa minn Spanja, jidher li dawk is-swieq ma jistgħux jiġu implimentati b'mod effettiv fil-Gżejjer Kanarji (il-premessa (12)), meta jitqiesu l-partikolaritajiet tas-sistemi tal-elettriku f'dan it-territorju. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga minn dawk id-dispożizzjonijiet hija ġġustifikata.

5.2.4. *Il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2019/943: Aċċess għan-network u ġestjoni tal-konġestjoni – l-Artikoli 14 sa 17 u l-Artikolu 19*

5.2.4.1. L-Applikazzjoni

(70) Spanja tispjega li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 16 u fl-Artikolu 19 ma jistgħux jiġu applikati fit-TMP, minħabba l-fatt li l-OST iwettaq id-dispaċċ tal-ġenerazzjoni għal kull waħda mis-sistemi tal-elettriku iżolati u li dawk is-sistemi ma jikkostitwixxux żoni tal-offerti interkonnessi separati. Dawk id-dispaċċi jqisu l-enerġija trasferita permezz ta' konnessjonijiet bejn il-gżejjer fis-sistema tal-Gżejjer Kanarji (jiġifieri bejn Lanzarote u Fuerteventura). Fil-każ ta' konġestjoni f'dawk il-konnessjonijiet, l-OST jorganizza mill-ġdid id-dispaċċ tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni disponibbli, filwaqt li jqis prinċipalment il-kriterji tekniċi, biex jiżgura l-provvista. Spanja tispjega wkoll li peress li t-TMP ma jikkostitwixxux żoni tal-offerti separati, ma hemmx suq tal-kapaċità transżonali assoċjat u għalhekk ma jiġi ġġenerat l-ebda introjtu mill-konġestjoni.

5.2.4.2. Valutazzjoni

(71) Id-derogi mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 għandhom l-effett li ma jinkludux is-sistemi tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji fis-swieq integrati ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata. Għalhekk, xi wħud mid-dispożizzjonijiet relatati mal-funzjonament ta' dawk is-swieq neċessarjament mhux se japplikaw għall-Gżejjer Kanarji.

(72) Barra minn hekk, il-Gżejjer Kanarji mhumiex meqjusa bħala żona tal-offerti separata. L-Artikoli 14 sa 17 u l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2019/943 huma relatati maż-żoni tal-offerti u mal-ġestjoni tal-kapaċità u l-konġestjonijiet bejn iż-żoni tal-offerti. Peress li kull waħda mis-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji ma tikkostitwixxix żona tal-offerti separata, id-dispożizzjonijiet li jirreferu għaż-żoni tal-offerti mhumiex applikabbli għall-Gżejjer Kanarji. Għalhekk, jirriżulta li deroga mir-rekwiżiti fl-Artikoli 14 u 15, fl-Artikolu 16(3) sa (13), fl-Artikoli 17 u 19 tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata.

(73) Barra minn hekk, l-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/943, li fihom prinċipji ġenerali dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni japplikaw għall-Gżejjer Kanarji minħabba li dawk il-prinċipji jipprovdu garanziji lill-parteċipanti fis-suq li l-OST għandu jindirizza l-problemi ta' konġestjoni b'soluzzjonijiet mhux diskriminatorji bbażati fuq is-suq u juża proċeduri ta' tnaqqis tat-tranżazzjonijiet biss f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 16(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata.

### 5.2.5. *Il-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2019/943: Adegwatezza tar-riżorsi – l-Artikoli 20(3) sa (8), l-Artikolu 21(7) u (8), l-Artikolu 22(1), il-punti (f) u (h), l-Artikolu 22(2), (3) u (5), u l-Artikolu 25(2) sa (4)*

#### 5.2.5.1. L-Applikazzjoni

(74) Spanja tispjega li, minħabba l-iżolament tat-TMP, il-valutazzjonijiet tal-adegwatezza tar-riżorsi mwettqa mill-operatur tas-sistema għal kull wieħed mit-TMP huma indipendenti, u mhumiex integrati fil-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi jew fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi tal-art kontinentali Spanjola. Għalhekk, Spanja tqis li whud mid-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu IV mhumiex applikabbli għat-TMP. Madankollu, Spanja tenfasizza li r-regoli nazzjonali attwali għandhom l-għan, sa fejn ikun possibbli, li jipprevedu trattament ugwali bejn it-territorji mhux peniżolari u s-suq tal-art kontinentali, pereżempju, fir-rigward tal-livelli ta' sigurtà tal-provvista jew il-metodoloġija għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-adegwatezza tar-riżorsi.

(75) Spanja targumenta li l-adegwatezza fit-TMP hija żgurata mill-mekkaniżmu speċifiku għall-allokazzjoni ta' kapaċità ġdida stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 kif deskritt fil-premessi 21 sa 23. Spanja tqis li dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jinżamm minħabba n-natura unika tat-TMP, u għalhekk titlob deroga mill-Artikoli 20(3) sa (8), mill-Artikolu 21(7) u (8), mill-Artikolu 22(1), il-punti (f) u (h), mill-Artikolu 22(2), (3) u (5), u mill-Artikolu 25(2) sa (4).

(76) Spanja targumenta li l-valutazzjonijiet tal-adegwatezza tar-riżorsi fit-TMP jikkonformaw mal-prinċipji inklużi fl-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/943. Spanja tispjega wkoll li fejn jiġi identifikat tħassib dwar l-adegwatezza, dak jiġi indirizzat b'sejħa għal proċedura kompetittiva tal-offerti (kif stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015) flimkien mal-valutazzjoni tal-irkantijiet tal-kapaċità ta' oriġini rinnovabbli. Dawn huma proċeduri li għalihom, skont Spanja, ir-rekwiżiti fl-Artikolu 20(3) sa (8) tar-Regolament (UE) 2019/943 ma jistgħux jiġu applikati.

(77) Spanja tispjega li d-dispożizzjonijiet inklużi fl-Artikolu 21(7) u (8) tar-Regolament (UE) 2019/943, li jirreferu għan-natura temporanja tal-mekkaniżmi ta' kapaċità, mhumiex kompatibbli mal-mekkaniżmu stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015. Madankollu, hija tiddikjara li għal kwalunkwe mekkaniżmu ta' kapaċità ġdid futur se japplikaw ir-rekwiżiti fl-Artikolu 21(7) u (8) tar-Regolament.

(78) Spanja tinnota li l-mekkaniżmu stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 huwa wkoll inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (UE) 2019/943:

— l-Artikolu 22(1), il-punt (f), li jistabbilixxi li r-remunerazzjoni għandha tiġi ddeterminata permezz ta' proċess kompetittiv, minħabba li skont Spanja r-remunerazzjoni fil-mekkaniżmu eżistenti mhijiex ibbażata fuq proċess kompetittiv, iżda fuq installazzjoni ta' parametru referenzjarju biex tinċentiva l-effiċjenza;

— l-Artikolu 22(1), il-punt (h), li jistabbilixxi li l-mekkaniżmi tal-kapaċità jridu jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tar-riżorsi kollha li jistgħu jipprovdu l-prestazzjoni teknika meħtieġa, minħabba li skont Spanja l-mekkaniżmu jiġi applikat biss għall-installazzjonijiet li jista' jsir id-dispaċċ tagħhom;

— l-Artikolu 22(2), li jistabbilixxi lista ta' karatteristiċi tad-disinn li r-riżervi strateġiċi jridu jikkonformaw magħhom, peress li skont Spanja jagħmel referenza għal swieq tal-ibbilanċjar li ma jeżistux fit-TMP;

— l-Artikolu 22(3), li jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali għall-mekkaniżmi tal-kapaċità għajr ir-riżervi strateġiċi, peress li skont Spanja l-mekkaniżmu eżistenti ma jikkonformax ma' dawk ir-rekwiżiti: jiġifieri r-retribuzzjoni ma jkollhiex tendenza lejn żero meta l-livell ta' kapaċità pprovdut ikun adegwat, ir-retribuzzjoni ma tkunx marbuta biss mal-kapaċità, u l-obbligi tal-kapaċità ma jkunux trasferibbli;

— l-Artikolu 22(4), li jinkorpora rekwiżiti ta' limitu tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ fuq il-mekkaniżmi tal-kapaċità, peress li skont Spanja l-mekkaniżmu attwali ma jinkludi l-ebda rekwiżit ta' din in-natura, iżda jippermetti li jiġu stabbiliti limitazzjonijiet tekniċi;

— l-Artikolu 22(5), li jirrikjedi l-adattament tal-mekkaniżmi tal-kapaċità li japplikaw fl-4 ta' Lulju 2019.

(79) Spanja tispjega li l-istandards tal-affidabbiltà għat-territorji mhux peniżolari mhumiex allinjati mar-rekwiżiti fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) 2019/943, peress li ma jqisux il-kost ta' entrata ġdida. Spanja żżid li anke kieku l-istandards kienu l-istess, dawn setgħu jevolvu għal valuri aktar stretti b'pass differenti, u abbażi ta' dan titlob deroga mill-Artikolu 25(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2019/943.

5.2.5.2. Valutazzjoni

(80) L-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/943 jindirizza l-adegwatezza tar-riżorsi fis-suq intern tal-elettriku u jistabbilixxi obbligi għall-Istati Membri dwar kif jimmonitorjaw l-adegwatezza tar-riżorsi u l-azzjoni li għandha tittieħed meta jiġi identifikat tħassib dwar l-adegwatezza tar-riżorsi, jiġifieri billi jiġi żviluppat pjan ta' implimentazzjoni bl-għan li jitneħħew id-distorsjonijiet regolatorji, jiġi żgurat l-akkwist tal-ibbilanċjar ibbażat fuq is-suq, jew jitneħħew il-prezzijiet regolati, fost l-oħrajn. Il-Kummissjoni tinnota li l-Gżejjer Kanarji huma soġġetti għal valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi li mhijiex integrata fil-valutazzjoni tal-adegwatezza Ewropea jew nazzjonali. Barra minn hekk, peress li l-biċċa l-kbira tar-regoli tas-suq ma jistgħux jiġu applikati fil-Gżejjer Kanarji (ara t-taqsimiet hawn fuq), il-biċċa l-kbira tal-elementi fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2019/943 mhumiex applikabbli għas-suq bl-ingrossa regolat fil-Gżejjer Kanarji. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 20(3) sa (8) tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata.

(81) L-Artikolu 21(7) tar-Regolament (UE) 2019/943 jistabbilixxi r-rekwiżit għal eliminazzjoni gradwali amministrattiva effiċjenti tal-mekkaniżmu tal-kapaċità fejn ma jiġi konkluż l-ebda kuntratt ġdid matul tliet snin konsekuttivi, filwaqt li l-Artikolu 21(8) tar-Regolament (UE) 2019/943 jistabbilixxi rekwiżiti relatati man-natura temporanja tal-mekkaniżmi tal-kapaċità. Abbażi tal-ispjegazzjonijiet ta' Spanja, il-mekkaniżmu regolat attwali tar-remunerazzjoni stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 għall-ġenerazzjoni fit-TMP (li ma għandux natura temporanja) jista' jitqies ekwivalenti għal mekkaniżmu tal-kapaċità. Sabiex tiġi żgurata l-fattibbiltà ta' dan il-mekkaniżmu, li ġie approvat skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270, u l-ksib tal-objettivi segwiti (fost l-oħrajn, biex jiġu mħeġġa l-manutenzjoni ta' impjanti tal-enerġija u s-sostituzzjoni ta' impjanti tal-enerġija ineffiċjenti u jiġu promossi sorsi ta' enerġija rinnovabbli fi Spanja), il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 21(7) għall-Gżejjer Kanarji hija ġġustifikata.

(82) Fir-rigward tat-talba għal deroga mill-Artikolu 21(8) tar-Regolament (UE) 2019/943, il-Kummissjoni tqis madankollu li din id-deroga mhijiex iġġustifikata minħabba li mhuwiex possibbli li titbassar l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji maż-żmien. Għaldaqstant, id-durata tal-mekkaniżmu regolat tar-remunerazzjoni stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 jenħtieġ li jkun limitat għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2029 kif approvat skont id-deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270.

(83) L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2019/943 jistabbilixxi l-prinċipji tad-disinn applikabbli għall-mekkaniżmi tal-kapaċità. Il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 22(1), il-punti (f) u (h), tar-Regolament (UE) 2019/943 applikabbli wara d-data tal-iskadenza tal-mekkaniżmu regolat tar-remunerazzjoni stabbilit skont id-deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270 tkun ixxekkel it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons għad-domanda, peress li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jippermettu l-parteċipazzjoni mit-teknoloġiji kollha fuq bażi kompetittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 22(1), il-punti (f) u (h), tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-impenji u għall-kuntratti konklużi fir-rigward tal-Gżejjer Kanarji skont il-mekkaniżmu tar-remunerazzjoni stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 kif approvat skont id-deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270.

(84) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja (il-premessa (77)), il-Kummissjoni tqis li deroga mir-rekwiżiti fl-Artikolu 22(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/943 hija ġġustifikata.

(85) Fir-rigward tat-talba għal deroga mill-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2019/943, il-Kummissjoni tqis li deroga mhijiex iġġustifikata minħabba li l-Artikolu 22(5) ta' dak ir-Regolament mhuwiex applikabbli għall-mekkaniżmi tal-kapaċità approvati wara l-4 ta' Lulju 2019.

(86) Fir-rigward tal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2019/943 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-limitu tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-mekkaniżmi tal-kapaċità, il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżiti tal-limitu tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ mhumiex applikabbli għall-mekkaniżmu regolat attwali tar-remunerazzjoni approvat skont id-deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270, minħabba d-daqs żgħir tas-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji, ir-restrizzjonijiet marbuta mal-ksib tal-permessi ambjentali meħtieġa għal kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida, u l-ħtieġa akbar ta' ġenerazzjoni li jista' jsir id-dispaċċ tagħha biex tiġi żgurata l-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji u tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista.Il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 22(4), il-punti (f) u (h), tar-Regolament (UE) 2019/943 applikabbli wara d-data tal-iskadenza tal-mekkaniżmu regolat tar-remunerazzjoni stabbilit skont id-deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270 tkun ixxekkel it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons għad-domanda, peress li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jippermettu l-parteċipazzjoni mit-teknoloġiji kollha fuq bażi kompetittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2019/943 mhijiex iġġustifikata. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-impenji u għall-kuntratti konklużi fir-rigward tal-Gżejjer Kanarji skont il-mekkaniżmu tar-remunerazzjoni stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 kif approvat skont id-deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat fil-każ SA.42270.

(87) Fil-fehma tal-Kummissjoni, abbażi tal-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn Spanja (ara l-premessa (78)), deroga mill-Artikolu 25(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2019/943 għat-tħaddim tas-sistemi tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji hija ġġustifikata.

### 5.2.6. *Deroga mill-Artikoli 14 sa 17, 19 sa 27 u 35 sa 47 tar-Regolament (UE) 2019/943 għall-mekkaniżmu stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015*

(88) Fl-applikazzjoni tagħha, kif emendata mit-tieni sett ta' kjarifiki mibgħuta minn Spanja fis-17 ta' Jannar 2022, Spanja ddikjarat li għall-mekkaniżmu eżistenti stabbilit fid-Digriet Irjali 738/2015 hija meħtieġa deroga mill-Artikoli 14 sa 17, 19 sa 27 u 35 sa 47 tar-Regolament (UE) 2019/943. Il-Kummissjoni tqis li deroga abbundanti bħal din mhijiex meħtieġa biex tiżgura l-applikazzjoni tiegħu. Il-fehma tal-Kummissjoni hija li d-derogi ddikjarati fit-taqsimiet ta' hawn fuq biss huma ġġustifikati.

## 5.3. **L-ebda xkiel għat-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà, ħżin tal-enerġija, elettromobbiltà u rispons għad-domanda**

(89) Skont l-Artikolu 64(1), il-ħames subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 66(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944, deċiżjoni ta' deroga għandha tiżgura li ma xxekkilx it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà, il-ħżin tal-enerġija, l-elettromobbiltà u r-rispons għad-domanda.

(90) Fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, aktar flessibbiltà (inkluż ir-rispons tad-domanda) u l-ħżin tal-enerġija, ta' min jinnota li s-swieq forward, ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar li jiffunzjonaw tajjeb, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/943 u d-Direttiva (UE) 2019/944, jenħtieġ li jipprovdu s-sinjali meħtieġa tad-dispaċċ u tal-investiment biex jiġi massimizzat l-iżvilupp potenzjali ta' dawk it-teknoloġiji. Pereżempju, l-iżvilupp tar-rispons tad-domanda li jista' jiġi attivat f'perjodi meta s-sistemi tal-elettriku tal-Gżejjer Kanarji jkunu taħt stress jinkiseb fil-prinċipju aktar faċilment f'sistema fejn il-prezzijiet tad-domanda jirriflettu s-sitwazzjoni fis-siegħa tal-ġenerazzjoni fil-Gżejjer Kanarji, minflok dik tal-ġenerazzjoni tal-art kontinentali. Dan ma jipprevjenix awtomatikament l-iżviluppi tar-rispons tad-domanda jew forom oħra ta' flessibbiltà fl-ambjent regolatorju attwali. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li d-deċiżjoni ta' deroga jista' jkollha impatt negattiv fuq tali żviluppi potenzjali.

(91) Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 ma jirrikjedix li d-deċiżjonijiet ta' deroga jimmassimizzaw il-potenzjal għall-flessibbiltà jew għall-ħżin tal-enerġija. Deroga skont l-Artikolu 64 ta' dak ir-Regolament għandha biss l-għan li tiżgura li "ma tfixkilx" tali tranżizzjoni. Fi kliem ieħor, id-deroga ma għandhiex tipprevjeni żviluppi li, mingħajr id-deroga, iseħħu b'mod naturali. Huwa improbabbli li, fin-nuqqas tad-deroga, jiżviluppaw swieq forward, ta' ġurnata bil-quddiem, tal-istess ġurnata u tal-ibbilanċjar li jiffunzjonaw tajjeb f'kull waħda mis-sistemi tal-elettriku fil-Gżejjer Kanarji. Dan huwa minħabba l-isfidi marbuta mat-tħaddim tas-sistemi tal-elettriku żgħar u iżolati, il-livelli baxxi ħafna ta' kompetizzjoni fil-qasam tal-ġenerazzjoni, u n-nuqqas ta' konnessjoni mas-suq tal-art kontinentali deskritt fit-taqsima 2.

(92) Fir-rigward tal-ħżin tal-enerġija b'mod partikolari, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza ta' din it-teknoloġija għall-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija varjabbli, bħal sorsi rinnovabbli, speċjalment f'sistemi żgħar u iżolati bħall-Gżejjer Kanarji. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-investimenti bbażati fuq is-suq f'dawk it-teknoloġiji jenħtieġ li jiġu promossi kull meta jkun possibbli ([12]). Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li deroga mill-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 skont l-Artikolu 66 ta' dik id-Direttiva hija ġġustifikata biss fir-rigward tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata.

(93) Id-deroga ma tidhirx li għandha impatt notevoli fuq l-elettromobbiltà.

### 5.4. **Durata tad-deroga**

(94) L-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944 jistabbilixxu b'mod espliċitu li l-uniku każ fejn il-Kummissjoni tista' tipprevedi deroga bla limitu huwa l-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-TFUE li ma jistgħux jiġu interkonnessi mas-suq tal-enerġija tal-Unjoni għal raġunijiet fiżiċi evidenti. Dan jista' jinftiehem faċilment peress li dawk ir-reġjuni ma għandhom l-ebda impatt fuq is-suq intern tal-elettriku.

(95) Kif imsemmi fil-premessa 42, il-Gżejjer Kanarji jikkostitwixxu wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi rikonoxxuti skont l-Artikolu 349 tat-TFUE u ma jistgħux jiġu interkonnessi mas-suq tal-enerġija tal-Unjoni għal raġunijiet fiżiċi evidenti. Għalhekk, id-deroga jenħtieġ li tingħata għal durata bla limitu,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Qed tingħata deroga lir-Renju ta' Spanja mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, il-punti (a), (b), (e), (k), (o) u (p), tal-Artikolu 6, tal-Artikoli 7(1) u 8(1) u (4), tal-Artikoli 9, 10, 11, tal-Artikoli 20(3) sa (8), 21(7), 22(2) u (3) u 25(2) sa (4) tar-Regolament (UE) 2019/943 u tal-Artikolu 40(4) sa (7) u mid-dispożizzjonijiet, sa fejn jikkonċernaw il-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija idroelettrika ppumpjata, tal-Artikolu 54 tad-Direttiva (UE) 2019/944 fir-rigward tal-Gżejjer Kanarji.

*Artikolu 2*

Id-deroga mogħtija skont l-Artikolu 1 għandha tapplika għal durata bla limitu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*
Kadri SIMSON
*Membru tal-Kummissjoni*

([12]) Ara l-premessa 62 tad-Direttiva (UE) 2019/944.